

**Brussell, 3 ta' Settembru 2025
(OR. en)**

**12413/25
ADD 9**

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0183 (NLE)**

**POLCOM 200
SERVICES 37
FDI 32
COLAC 117**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 338 annex
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Interim dwar il- Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea, min naħa, u s-Suq Komuni tan- Nofsinhar, ir-Repubblika Arġentina, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, ir-Repubblika tal-Paragwaj u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj, min- naħa l-oħra

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 338 annex.

Mehmuż: COM(2025) 338 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.9.2025
COM(2025) 338 final

ANNEX 7

ANNEX

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea, min naħa, u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar, ir-Repubblika Arġentina, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, ir-Repubblika tal-Paragwaj u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj, min-naħa l-oħra

IMPENJI SPEĊIFIĊI TAL-ISTATI FIRMATARJI TAL-MERCOSUR
F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLI 10.3 U 10.4

Kundizzjonijiet ġenerali

L-impenji speċifiċi elenkati hawn taħt jindikaw is-setturi tas-servizzi u mhux tas-servizzi liberalizzati skont l-Artikoli 10.3(1), 10.4(1), 10.5, 10.8, 10.9, 10.10(1) u 10.10(2) u jispeċifikaw, permezz ta' riżervi, l-aċċess għas-suq u l-limitazzjonijiet tat-trattament nazzjonali li japplikaw.

L-impenji speċifiċi elenkati hawn taħt ma għandhomx jiġu interpretati bħala limitazzjonijiet għar-regolamentazzjoni domestika jew bħala limitazzjonijiet fuq l-introduzzjoni ta' regolamenti ġodda bil-ħsieb li jinkisbu l-oġettivi ta' politika nazzjonali, f'konformità mar-raba' paragrafu tal-preambolu tal-GATS u l-oġettivi prinċipali ta' dan il-Ftehim.

Il-lista ta' impenji speċifiċi għal setturi u subsetturi tas-servizzi individwali hija elaborata abbażi ta' approċċ ta' lista pożittiva u hija identifikata f'konformità mal-lista ta' klassifikazzjoni fid-Dokument MTN.GNS/W/120 tad-WTO u n-numri korrispondenti fis-CPC, kif definit fl-Artikolu 1.3(c).

Il-lista ta' impenji speċifiċi għas-setturi mhux tas-servizzi hija elaborata abbażi ta' approċċ ta' lista pożittiva u identifikata f'konformità mal-Istandard Internazzjonali ta' Klassifikazzjoni Industrijali tal-Attivitajiet Ekonomiċi kollha kif stabbilit fid-Dokumenti Statistiċi, Serje M, Nru 4, ISIC Rev. 3, 1989 tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, minn hawn 'il quddiem imsejħa "ISIC – Rev.3", għall-Arġentina, il-Paragwaj u l-Urugwaj. Għall-Brażil, il-lista ta' impenji speċifiċi għas-setturi mhux tas-servizzi hija identifikata f'konformità mal-Klassifikazzjoni Ċentrali tal-Prodotti kif stabbilita fid-Dokumenti Statistiċi, Serje M, Nru 77, CPC, 2008 tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, minn hawn 'il quddiem imsejħa "CPC – Rev. 2", u tkopri biss setturi jew attivitajiet mhux tas-servizzi (intestaturi 0, 1, 2, 3 u 4).

Jekk ma ssir l-ebda referenza minn Stat Firmatarju tal-MERCOSUR wieħed jew aktar għal settur jew subsettur speċifiku, dak l-Istat Firmatarju tal-MERCOSUR jew dawk l-Istati Firmatarji tal-MERCOSUR ma jagħmlu l-ebda impenn għal dak is-settur jew subsettur speċifiku.

Miżuri li huma inkonsistenti maż-żewġ Artikoli 10.3 u 10.4 huma elenkati fil-kolonna relatata mal-Artikolu 10.3. Tali elenkar għandu jitqies ukoll li jipprovdi kundizzjoni jew kwalifika għall-Artikolu 10.4.

Kundizzjonijiet speċifiċi

L-Arġentina

L-Arġentina tirriżerva d-dritt li tuża r-regolamenti tar-rati tal-kambju li huma konformi mal-Artikoli ta' Ftehim tal-Fond Monetarju Internazzjonali, magħmul fi Bretton Woods, New Hampshire, fit-22 ta' Lulju 1944.

Il-Brażil

F'każijiet ta' dubju jew diverġenza bejn il-lista ta' impenji speċifiċi magħmula mill-Brażil għas-setturi mhux tas-servizzi u dik għas-setturi tas-servizzi, din tal-aħħar għandha tipprevali.

Għall-finijiet tal-interpretazzjoni tal-lista ta' impenji speċifiċi magħmula mill-Brażil, il-forniment transkonfinali ta' servizzi permezz ta' mezzi elettroniċi, inkluż l-Internet, għandu jkun limitat għall-Modalità 1.

Il-Paragwaj u l-Urugwaj

Il-lista ta' impenji speċifiċi magħmula mill-Paragwaj u mill-Urugwaj hija mingħajr preġudizzju għal ftehimiet bilaterali eżistenti konklużi mill-Paragwaj u mill-Urugwaj relatati mat-taxxi u l-miżuri tat-taxxa jew mal-kapaċità tal-Istati Firmatarji tal-MERCOSUR li jsegwu l-oġettivi tal-politiki fiskali tagħhom.

Lista ta' impenji speċifiċi

Modi ta' forniment: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra l-pajjiż 3) Preżenza kummerċjali 4) Preżenza ta' persuni fiżiċi

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq	Limitazzjonijiet fuq it-trattament nazzjonali	Impenji addizzjonali
IMPENJI ORIZZONTALI			
L-ARGENTINA IS-SETTURI KOLLHA TAS-SERVIZZI U MHUX TAS-SERVIZZI INKLUŻI F'DIN IL-LISTA	Il-forniment ta' ċerti servizzi tista' tiddependi fuq konċessjonijiet pubbliċi u l-kundizzjonijiet stabbiliti fihom. L-akkwist tal-art: mingħajr restrizzjonijiet f'żoni tal-fruntiera (150 (mija u ħamsin) kilometru f'żoni tal-fruntiera tal-art u 50 (ħamsin) kilometru f'żoni kostali). L-akkwist ta' art rurali mill-barranin huwa limitat bil-liġi.	L-akkwist f'żoni tal-konfini ("żoni ta' sigurtà") limitati għal Arġentini nattiv. Persuni fiżiċi barranin u intrapriżi li jwettqu proġetti ta' investiment b'magħġoranza ta' persunal Arġentin jistgħu jakkwistaw bini jew jisfruttaw awtorizzazzjonijiet u konċessjonijiet f'żoni ta' sigurtà biss b'awtorizzazzjoni minn qabel.	

Modi ta' forniment: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra l-pajjiż 3) Preżenza kummerċjali 4) Preżenza ta' persuni fiżiċi

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq	Limitazzjonijiet fuq it-trattament nazzjonali	Impenji addizzjonali
		Il-maġġoranza assoluta tad-diretturi ta' persuna ġuridika jrid ikollhom residenza permanenti fl-Arġentina. Fil-każ ta' intrapriżi tal-istat soġġetti għall-privatizzazzjoni, l-Arġentina tirriżerva d-dritt li tistabbilixxi arranġamenti speċjali tal-ishma (bħaż-żamma ta' "ishma tad-deheb") jew li tagħti preferenzi fix-xiri ta' ishma lill-impjegati ta' tali intrapriża tal-istat soġġetta għall-privatizzazzjoni.	

Modi ta' forniment: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra l-pajjiż 3) Preżenza kummerċjali 4) Preżenza ta' persuni fiżiċi

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq	Limitazzjonijiet fuq it-trattament nazzjonali	Impenji addizzjonali
		L-Arġentina tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura mmirata lejn l-iżvilupp ta' reġjuni inqas żviluppati, żoni tal-konfini, jew lejn it-tnaqqis tal-inugwaljanzi reġjonali, kif ukoll kwalunkwe miżura meħtieġa biex jiġi żgurati l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp industrijali.	

Modi ta' forniment: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra l-pajjiż 3) Preżenza kummerċjali 4) Preżenza ta' persuni fiżiċi

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq	Limitazzjonijiet fuq it-trattament nazzjonali	Impenji addizzjonali
	Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief għal miżuri li jaffettwaw id-dħul u r-residenza temporanja ta' persuni fiżiċi fil-kategoriji li ġejjin: persunal ewlieni, bejjiegħa kummerċjali u fornituri ta' servizzi kuntrattwali, f'konformità mat-Taqsima B tal-Kapitolu 10 u l-kundizzjonijiet speċifikati fil-lista ta' impenji speċifiċi għal dawn il-kategoriji. Sabiex iforni servizz kuntrattwali, il-fornitur ta' servizzi kuntrattwali għandu jikkonforma mar-rekwiżiti ta' kwalifika u mal-kundizzjonijiet deskritti fil-lista ta' impenji speċifiċi għas-settur.	Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief għal miżuri li jaffettwaw id-dħul u r-residenza temporanja ta' persuni fiżiċi fil-kategoriji li ġejjin: persunal ewlieni, bejjiegħa kummerċjali u fornituri ta' servizzi kuntrattwali, f'konformità mat-Taqsima B tal-Kapitolu 10 u l-kundizzjonijiet speċifikati fil-lista ta' impenji speċifiċi għal dawn il-kategoriji. Sabiex iforni servizz kuntrattwali, il-fornitur ta' servizzi kuntrattwali għandu jikkonforma mar-rekwiżiti ta' kwalifika u mal-kundizzjonijiet deskritti fil-lista ta' impenji speċifiċi għas-settur.	

Modi ta' forniment: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra l-pajjiż 3) Preżenza kummerċjali 4) Preżenza ta' persuni fiżiċi

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq	Limitazzjonijiet fuq it-trattament nazzjonali	Impenji addizzjonali
IL-BRAŻIL IS-SETTURI KOLLHA TAS-SERVIZZI U MHUX TAS-SERVIZZI INKLUŻI F'DIN IL-LISTA		(i) Il-Brażil jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura mmirata lejn l-iżvilupp ta' reġjuni inqas privileġġati jew lejn it-tnaqqis tal-inugwaljanzi reġjonali, kif ukoll kwalunkwe miżura meħtieġa biex jiġu żgurati l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp rurali.	

Modi ta' forniment: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra l-pajjiż 3) Preżenza kummerċjali 4) Preżenza ta' persuni fiżiċi

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq	Limitazzjonijiet fuq it-trattament nazzjonali	Impenji addizzjonali
		(ii) Il-Brażil jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm inċentivi favur is-servizzi u l-fornituri ta' servizzi tiegħu, bl-għan li jrawwem l-iżvilupp teknoloġiku, it-trasferiment tat-teknoloġija, ir-riċerka xjentifika u l-iżvilupp ta' standards u normi fil-Brażil. Din ir-riżerva tinkludi, pereżempju, miżuri tat-taxxa u preferenzi għas-servizzi u l-fornituri ta' servizzi Brażiljani.	

Modi ta' forniment: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra l-pajjiż 3) Preżenza kummerċjali 4) Preżenza ta' persuni fiżiċi

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq	Limitazzjonijiet fuq it-trattament nazzjonali	Impenji addizzjonali
	(i) Il-fornituri ta' servizzi u l-investituri barranin li jixtiequ jfornu servizzi u jwettqu attivitajiet ta' investiment bħala persuna ġuridika fil-Brażil għandhom jikkonformaw ma' wieħed mit-tipi ta' entitajiet ġuridiċi f'konformità mal-liġi Brażiljana.	Il-kapital barrani fil-Brażil irid jiġi rreġistrat permezz ta' proċedura dikjaratorja u elettronika, mal-Bank Ċentrali tal-Brażil.	

Modi ta' forniment: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra l-pajjiż 3) Preżenza kummerċjali 4) Preżenza ta' persuni fiżiċi

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq	Limitazzjonijiet fuq it-trattament nazzjonali	Impenji addizzjonali
	(ii) F'biċċiet ta' art mal-konfini (żoni sa 150 (mija u ħamsin) kilometru mill-fruntieri nazzjonali) u f'xi żoni (il-Baċir tal-Amazunja, il-Mata Atlântica, is-Serra do Mar u l-Pantanal ta' Mato Grosso), hija meħtieġa awtorizzazzjoni għal xi attivitajiet, inklużi dawn li ġejjin: (a) il-parteċipazzjoni tal-barranin, kemm jekk persuni fiżiċi kif ukoll ġuridiċi, fi kwalunkwe kapaċità f'persuna ġuridika li tkun is-sid ta' drittijiet tal-proprjetà immobbli fuq proprjetà rurali;		

Modi ta' forniment: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra l-pajjiż 3) Preżenza kummerċjali 4) Preżenza ta' persuni fiżiċi

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq	Limitazzjonijiet fuq it-trattament nazzjonali	Impenji addizzjonali
	(b) l-installazzjoni u t-tħaddim ta' media mmirati lejn l-isfruttament ta' servizzi ta' xandir bil-ħoss jew xandir bil-ħoss u bl-immaġni; (c) l-istabbiliment u l-isfruttament ta' impjanti industrijali ta' interess partikolari għas-sigurtà nazzjonali; (d) l-istabbiliment u t-tħaddim ta' kumpaniji involuti fl-ipprospettar, l-estrazzjoni u l-isfruttament ta' riżorsi minerali u fil-provvista ta' enerġija idrawlika;		

Modi ta' forniment: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra l-pajjiż 3) Preżenza kummerċjali 4) Preżenza ta' persuni fiżiċi

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq	Limitazzjonijiet fuq it-trattament nazzjonali	Impenji addizzjonali
	u (e) l-istabbiliment ta' kumpaniji involuti fl-insedjament rurali. Fil-każ tal-punti (c), (d) u (e), il-kumpaniji rispettivi jridu jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin, fost oħrajn: 51 % tal-kapital tal-kumpanija jrid jinżamm mill-Brażiljani;		

Modi ta' forniment: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra l-pajjiż 3) Preżenza kummerċjali 4) Preżenza ta' persuni fiżiċi

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq	Limitazzjonijiet fuq it-trattament nazzjonali	Impenji addizzjonali
	il-maġġoranza tal-karigi maniġerjali jridu jinżammu mill-Brażiljani. Jekk tali attivitajiet jitwettqu minn individwu wieħed biss, il-Brażiljani biss jistgħu jingħataw awtorizzazzjoni speċjali biex iwettqu tali attivitajiet. Fil-każ tal-punt (b), fost rekwiżiti oħra, il-kapital tal-kumpanija jrid ikun kollu kemm hu proprjetà ta' ċittadini Brażiljani.		

Modi ta' forniment: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra l-pajjiż 3) Preżenza kummerċjali 4) Preżenza ta' persuni fiżiċi

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq	Limitazzjonijiet fuq it-trattament nazzjonali	Impenji addizzjonali
	(iii) L-akkwist jew il-kiri ta' proprjetà rurali jew l-akkwist ta' kwalunkwe dritt tal-proprjetà immobbli ieħor fuq proprjetà rurali minn persuni fiżiċi barranin, persuni ġuridiċi barranin jew persuni ġuridiċi Brażiljani b'parteċipazzjoni barranija huwa soġġett għal kundizzjonijiet, limitazzjonijiet u awtorizzazzjoni speċifiċi stabbiliti skont il-liġi Brażiljana. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor skont il-liġi Brażiljana, id-donazzjoni ta' proprjetà immobbli tal-Unjoni jew tal-Istati lill-barranin, kemm jekk persuni fiżiċi kif ukoll jekk ġuridiċi, hija pprojbita.		

Modi ta' forniment: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra l-pajjiż 3) Preżenza kummerċjali 4) Preżenza ta' persuni fiżiċi

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq	Limitazzjonijiet fuq it-trattament nazzjonali	Impenji addizzjonali
	F'intrapriżi bi 3 (tliet) impjegati jew aktar, żewġ terzi tal-forza tax-xogħol iridu jikkonsistu minn ċittadini Brażiljani li għandhom jammontaw għal żewġ terzi tal-pagi. Il-Membri tal-Kunsill Fiskali u tal-bord tad-diretturi ta' kumpaniji pubbliċi u l-maniġers tagħhom għandhom ikunu residenti fil-Brażil. Fil-każ ta' "ħaddiema bi trasferiment intraazzjendali", il-ħatra ta' eżekuttivi u maniġers tiddependi fuq prova ta' investiment mill-fornitur ta' servizzi barrani. Fil-każ ta' "fornituri ta' servizzi kuntrattwali", il-permessi tax-xogħol jiddependu fuq il-preżentazzjoni ta' programm ta' taħriġ għall-impjegati Brażiljani. Mingħajr restrizzjonijiet għal "professjonisti indipendenti".		

Modi ta' forniment: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra l-pajjiż 3) Preżenza kummerċjali 4) Preżenza ta' persuni fiżiċi

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq	Limitazzjonijiet fuq it-trattament nazzjonali	Impenji addizzjonali
	Mingħajr restrizzjonijiet, ħliet għal miżuri relatati mal-kategoriji li ġejjin: A) Persunal Ewlieni: Ħaddiema bi Trasferiment Intraazjendali (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ICT", Intra-Corporate Transferees) Trid teżisti rabta assoċjata bejn il-fornitur ta' servizzi fit-territorju Brażiljan u l-kwartieri ġenerali tiegħu barra mill-pajjiż. Il-pożizzjoni li għandha timtela mill-ICT trid tkun vakanti. Il-persuni ġuridiċi għandhom jiżguraw li jkun hemm mill-inqas 2 (żewġ) Brażiljani għal kull 3 (tliet) impjegati.	Il-kuntratti ta' xogħol temporanju għandhom jiġu approvati mill-awtorità kompetenti rilevanti.	

Modi ta' forniment: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra l-pajjiż 3) Preżenza kummerċjali 4) Preżenza ta' persuni fiżiċi

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq	Limitazzjonijiet fuq it-trattament nazzjonali	Impenji addizzjonali
	L-impjegati jirreferu għal: (i) Maniġers Il-ħatra ta' maniġer trid tkun relatata ma': (a) investiment li jammonta għal, mill-inqas, US\$ 50 000, dment li l-kumpanija toħloq 10 (għaxar) impjiegi ġodda matul l-ewwel sentejn wara l-istabbiliment tagħha jew id-dħul tal-maniġer jew tal-amministratur; jew (b) il-kumpanija trid tkun investiet ammont minimu ta' US\$ 200 000 fil-Brażil.		

Modi ta' forniment: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra l-pajjiż 3) Preżenza kummerċjali 4) Preżenza ta' persuni fiżiċi

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq	Limitazzjonijiet fuq it-trattament nazzjonali	Impenji addizzjonali
	(ii) Speċjalisti Il-kumpanija li timpjega lill-ispeċjalist għandha tiġġustifika l-ħtieġa li tikkuntratta tali professjonisti u tekniċi fir-rigward ta' professjonisti u tekniċi simili disponibbli fil-Brażil. Viżitaturi Professjonali Skont it-termini u l-perjodi ta' residenza stabbiliti fit-Taqsima B tal-Kapitolu 10. B) Bejjieġha Kummerċjali Skont it-termini u l-perjodi ta' residenza stabbiliti fit-Taqsima B tal-Kapitolu 10. C) Fornituri ta' Servizzi Kuntrattwali Il-konsumatur tas-servizz irid ikun persuna ġuridika stabbilita fil-Brażil.		

Modi ta' forniment: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra l-pajjiż 3) Preżenza kummerċjali 4) Preżenza ta' persuni fiżiċi

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq	Limitazzjonijiet fuq it-trattament nazzjonali	Impenji addizzjonali
	Irid ikun hemm kuntratt għall-assistenza teknika jew għat-trasferiment tat-teknoloġija bejn l-intrapriża tal-Unjoni u l-konsumatur tas-servizz fil-Brażil. Għal kull professjonist barrani kopert mill-kuntratt irid ikun hemm: a) ġustifikazzjoni tal-ħtieġa għas-servizzi ta' dak il-professjonist fid-dawl tal-professjonisti disponibbli fil-Brażil; u b) prova ta' esperjenza preċedenti ta' mill-inqas 3 (tliet) snin. Jekk l-intrapriża tal-Unjoni ma jkollha l-ebda professjonist Brażiljan, trid tippreżenta programm ta' taħriġ għall-professjonisti Brażiljani.		

Modi ta' forniment: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra l-pajjiż 3) Preżenza kummerċjali 4) Preżenza ta' persuni fiżiċi

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq	Limitazzjonijiet fuq it-trattament nazzjonali	Impenji addizzjonali
IL-PARAGWAJ IS-SERVIZZI KOLLHA INKLUŻI F'DIN IL-LISTA	Il-Paragwaj jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura mmirata lejn it-trawwim tal-iżvilupp teknoloġiku, ir-riċerka xjentifika u l-iżvilupp ta' standards u normi fil-Paragwaj, kemm jekk diskriminatorji kif ukoll jekk le. Il-Paragwaj jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura mmirata lejn l-iżvilupp ta' reġjuni inqas privileġġati jew lejn it-tnaqqis tal-inugwaljanzi reġjonali, kif ukoll dawk meħtieġa biex jiġu żgurati l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp rurali.		

Modi ta' forniment: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra l-pajjiż 3) Preżenza kummerċjali 4) Preżenza ta' persuni fiżiċi

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq	Limitazzjonijiet fuq it-trattament nazzjonali	Impenji addizzjonali
	Akkwist ta' art, jew rekwiżiti ta' residenza, applikabbli għal investituri barranin, mingħajr restrizzjonijiet fiż-żoni tal-konfini 100 (mitt) kilometru mill-fruntieri tal-art)	L-Att Ċivili Paragwajan (il-liġi 1183/1985) jistabbilixxi li l-intrapriżi kostitwiti barra mill-pajjiż huma rregolati, fir-rigward tal-eżistenza u l-kapaċità tagħhom, mil-liġijiet tal-pajjiż tad-domiċilju tagħhom. It-tip ta' ditta li jistabbilixxu tippermettilhom jeżerċitaw b'mod sħiħ l-azzjonijiet u d-drittijiet li jikkorrispondu għalihom fir-Repubblika tal-Paragwaj. Barra minn hekk, għall-eżerċizzju abitwali tal-atti inklużi fl-oġettiv speċjali tal-istituzzjoni tagħhom, dawn se jikkonformaw mal-preskrizzjonijiet stabbiliti fir-Repubblika.	

Modi ta' forniment: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra l-pajjiż 3) Preżenza kummerċjali 4) Preżenza ta' persuni fiżiċi

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq	Limitazzjonijiet fuq it-trattament nazzjonali	Impenji addizzjonali
		Id-domiċilju tal-impriża barranin huwa kkunsidrat bħala l-post tal-kummerċ ewlieni. Madankollu, l-istabbilimenti, l-aġenziji jew l-uffiċċji tal-fergħat stabbiliti fir-Repubblika tal-Paragwaj jitqiesu li huma domiċiljati fih għall-atti pprattikati fit-territorju tal-Paragwaj. Għalhekk, għandhom jissodisfaw il-formalitajiet u l-obbligi stabbiliti għat-tip ta' intrapriża Paragwajana li hija l-aktar simili għat-tip ta' intrapriża barranija kkonċernata.	

Modi ta' forniment: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra l-pajjiż 3) Preżenza kummerċjali 4) Preżenza ta' persuni fiżiċi

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq	Limitazzjonijiet fuq it-trattament nazzjonali	Impenji addizzjonali
		L-Att Ċivili Paragwajan jistabbilixxi li għall-issodisfar tal-formalitajiet imsemmija qabel, kull intrapriża stabbilita barra mill-pajjiż li tixtieq teżerċita l-attività tagħha fil-Paragwaj trid: (a) tistabbilixxi rappreżentanza b'indirizz speċifiku fil-pajjiż u indirizzi partikolari tar-rappreżentanti għal raġunijiet legali oħra; (b) tikkonferma li d-ditta ġiet stabbilita f'konformità mal-liġijiet tal-pajjiż tagħha; u	

Modi ta' forniment: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra l-pajjiż 3) Preżenza kummerċjali 4) Preżenza ta' persuni fiżiċi

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq	Limitazzjonijiet fuq it-trattament nazzjonali	Impenji addizzjonali
		(c) tiġġustifika bl-istess mod, il-ftehim jew id-deċiżjoni li toħloq fergħa jew rappreżentazzjoni, il-kapital li għandu jiġi assenjat, jekk applikabbli, u l-ħatra tar-rappreżentanti.	

Modi ta' forniment: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra l-pajjiż 3) Preżenza kummerċjali 4) Preżenza ta' persuni fiżiċi

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq	Limitazzjonijiet fuq it-trattament nazzjonali	Impenji addizzjonali
	Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief għal miżuri li jaffettwaw id-dħul u r-residenza temporanja ta' persuni fiżiċi fil-kategoriji li ġejjin: persunal ewlieni (ħaddiema bi trasferiment intraazzjendali, viżitaturi professjonali, maniġers u speċjalisti) u trainees gradwati li huma soġġetti għat-Taqsima B tal-Kapitolu 10 u għall-kundizzjonijiet speċifikati fil-lista ta' impenji speċifiċi. Sabiex iforni servizz kuntrattwali, il-fornitur ta' servizzi għandu jikkonforma mar-rekwiżiti ta' kwalifika u mal-kundizzjonijiet deskritti fil-lista ta' impenji speċifiċi għal dawn il-kategoriji. Il-kundizzjonijiet għal dawn il-kategoriji se jkunu soġġetti għar-reċiproċità mogħtija mill-Unjoni.	Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief għal miżuri li jaffettwaw id-dħul u r-residenza temporanja ta' persuni fiżiċi fil-kategoriji li ġejjin: persunal ewlieni (ħaddiema bi trasferiment intraazzjendali, viżitaturi professjonali, maniġers u speċjalisti) u trainees gradwati li huma soġġetti għat-Taqsima B tal-Kapitolu 10 u għall-kundizzjonijiet speċifikati fil-lista ta' impenji speċifiċi. Sabiex iforni servizz kuntrattwali, il-fornitur ta' servizzi għandu jikkonforma mar-rekwiżiti ta' kwalifika u mal-kundizzjonijiet deskritti fil-lista ta' impenji speċifiċi għal dawn il-kategoriji. Il-kundizzjonijiet għal dawn il-kategoriji se jkunu soġġetti għar-reċiproċità mogħtija mill-Unjoni.	

Modi ta' forniment: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra l-pajjiż 3) Preżenza kummerċjali 4) Preżenza ta' persuni fiżiċi

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq	Limitazzjonijiet fuq it-trattament nazzjonali	Impenji addizzjonali
L-URUGWAJ IS-SERVIZZI KOLLHA INKLUŻI F'DIN IL-LISTA	L-Urugwaj jirriżerva d-dritt tiegħu li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura li tfittex li tistabbilixxi Żona ta' Sigurtà tal-Konfini (Żona de Seguridad Fronteriza) li tmiss mal-konfini tal-art u tax-xmajjar tat-territorju nazzjonali. Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief għal miżuri li jaffettwaw id-dħul u r-residenza temporanja ta' persuni fiżiċi fil-kategoriji soġġetti għat-Taqsima B tal-Kapitolu 10 u għall-kundizzjonijiet speċifikati fil-lista ta' impenji speċifiċi.	Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief għal miżuri li jaffettwaw id-dħul u r-residenza temporanja ta' persuni fiżiċi fil-kategoriji soġġetti għat-Taqsima B tal-Kapitolu 10 u għall-kundizzjonijiet speċifikati fil-lista ta' Impenji speċifiċi.	

I. LISTA TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAL SETTURI		
U SUBSETTURI MHUX TAS-SERVIZZI	LIMITAZZJONIJIET FUQ L-AĊĊESS GĦAS-SUQ	LIMITAZZJONIJIET FUQ IT-TRATTAMENT NAZZJONALI
L-ARGENTINA		
II. LISTA TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAS-SETTUR		
A. AGRIKOLTURA, KAĊĊA U FORESTRIJA		
Agrikoltura, kaċċa	L-ebda.	L-ebda.
Forestrija, qtugħ tas-siġar għall-injam ¹	L-ebda.	L-ebda.
B. SAJD		
Sajd, tħaddim ta' mfaqas tal-ħut u farms tal-ħut	L-isfruttament ta' riżorsi marittimi ħajjin għandu jiġi permess biss għal persuni fiżiċi b'residenza fl-Arġentina jew għal persuni ġuridiċi stabbiliti f'konformità mal-liġi tal-Arġentina.	Il-bastimenti użati fl-industrija tas-sajd iridu jkunu rreġistrati fir-reġistru Arġentin kompetenti u jtajru l-bandiera Arġentina.

¹ L-attivitajiet ta' servizzi relatati huma inklużi fil-lista ta' impenji speċifiċi għas-servizzi, inklużi d-distribuzzjoni u t-trasport.

I. LISTA TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAL SETTURI		
U SUBSETTURI MHUX TAS-SERVIZZI	LIMITAZZJONIJIET FUQ L-AĊĊESS GĦAS-SUQ	LIMITAZZJONIJIET FUQ IT-TRATTAMENT NAZZJONALI
	L-attivitajiet tal-bastimenti li jtajru bnadar barranin se jkollhom jikkonformaw mat-termini tal-Liġi 24.922/97. Dawn għandhom jiġu ammessi biss b'mod konġunt ma' intrapriża waħda jew aktar irreġistrati lokalment, kif determinat mil-Liġi Korporattiva 19550.	Il-membri tal-ekwipaġġ tal-bastimenti tas-sajd kollha għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin: (a) il-kaptani u l-uffiċjali għandhom ikunu ta' nazzjonalità Arġentina, bit-twelid, bl-għażla jew bin-naturalizzazzjoni; u (b) 75 % tal-bqija tal-membri tal-ekwipaġġ abbord il-bastimenti tas-sajd iridu jkunu jew Arġentini jew barranin b'aktar minn 10 (għaxar) snin ta' residenza permanenti effettivament akkreditata fl-Arġentina. Jekk il-perċentwal stabbilit fil-punt (b) ma jkunx possibbli minħabba nuqqas ta' persunal, il-persunal barrani jista', b'mod provviżorju, jitla' abbord il-bastiment sakemm dak il-perċentwal jerġa' jiġi stabbilit, soġġett għall-konformità mar-rekwiżiti legali kollha. Meta l-membri tal-ekwipaġġ Arġentini jkunu disponibbli, l-ekwipaġġ irid jiġi komplut permezz tagħhom.

I. LISTA TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAL SETTURI		
U SUBSETTURI MHUX TAS-SERVIZZI	LIMITAZZJONIJIET FUQ L-AĊĊESS GĦAS-SUQ	LIMITAZZJONIJIET FUQ IT-TRATTAMENT NAZZJONALI
		Fil-każ ta' ksur tal-liġijiet jew tar-regolamenti, minbarra l-penali applikabbli, il-bastimenti barranin jistgħu jinżammu f'port Arġentini sakemm jew ikun hemm konformità mal-ħlas tal-multi jew sakemm jiġu pprovduti garanziji sodisfaċenti.
C. ESTRAZZJONI MILL-MINJIERI U MILL-BARRIERI		
Estrazzjoni tal-faħam u l-linjite; estrazzjoni tal-pit	L-ebda.	L-ebda.
Estrazzjoni tal-minerali tal-uranju u tatorju	Mingħajr restrizzjonijiet.	Mingħajr restrizzjonijiet.
Estrazzjoni tal-minerali tal-metall	L-ebda.	L-ebda.
Estrazzjoni oħra mill-minjieri u mill-barrieri	L-ebda.	L-ebda.

I. LISTA TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAL SETTURI		
U SUBSETTURI MHUX TAS-SERVIZZI	LIMITAZZJONIJIET FUQ L-AĊĊESS GĦAS-SUQ	LIMITAZZJONIJIET FUQ IT-TRATTAMENT NAZZJONALI
D. MANIFATTURA	L-Arġentina tirriżerva d-dritt li żżomm jew tadotta kwalunkwe miżura relatata mar-rekwiżiti tal-prestazzjoni f'regolamenti jew programmi għall-produtturi domestiċi ta' oġġetti kapitali u tat-teknoloġija tal-informazzjoni.	L-Arġentina tirriżerva d-dritt li żżomm jew tadotta kwalunkwe miżura relatata ma' inċentivi f'regolamenti jew programmi għall-produtturi domestiċi ta' oġġetti kapitali u tat-teknoloġija tal-informazzjoni.
Manifattura ta' prodotti tal-ikel u xorb	L-ebda.	L-ebda.
Manifattura ta' prodotti tat-tabakk.	L-ebda.	L-ebda.
Manifattura ta' tessuti	L-ebda.	L-ebda.
Manifattura ta' lbies; raffinar u tiżbigħ ta' fer	L-ebda.	L-ebda.

I. LISTA TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAL SETTURI		
U SUBSETTURI MHUX TAS-SERVIZZI	LIMITAZZJONIJIET FUQ L-AĊĊESS GĦAS-SUQ	LIMITAZZJONIJIET FUQ IT-TRATTAMENT NAZZJONALI
Kunzatura u raffinar tal-ġilda; manifattura ta' bagalji, basktijiet tal-idejn, xdud u żraben	L-ebda.	L-ebda.
Manifattura ta' injam u ta' prodotti tal-injam u tas-sufra, ħlief għamara. manifattura ta' oġġetti tat-tiben u materjal tad-dfir	L-ebda.	L-ebda.
Manifattura ta' karta u ¹ prodotti tal-karta	L-ebda.	L-ebda.
Pubblikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta' midja rreġistrata	L-ebda.	L-ebda.
Manifattura ta' sustanzi kimiċi u prodotti kimiċi	L-ebda.	L-ebda.

¹ L-attivitajiet ta' servizzi relatati huma inklużi fil-lista ta' impenji speċifiċi għas-servizzi, inklużi d-distribuzzjoni u t-trasport.

I. LISTA TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAL SETTURI		
U SUBSETTURI MHUX TAS-SERVIZZI	LIMITAZZJONIJIET FUQ L-AĊĊESS GĦAS-SUQ	LIMITAZZJONIJIET FUQ IT-TRATTAMENT NAZZJONALI
Manifattura ta' prodotti tal-lastiku u tal-plastik	L-ebda.	L-ebda.
Manifattura ta' prodotti minerali mhux metalliċi oħra	L-ebda.	L-ebda.
Manifattura ta' metalli bażiċi	L-ebda.	L-ebda.
Manifattura ta' prodotti tal-metall iffabbrikat, ħlief makkinarju u tagħmir	L-ebda.	L-ebda.
Manifattura ta' makkinarju u tagħmir m.k.b.: Manifattura ta' makkinarju għal skop ġenerali Manifattura ta' apparat domestiku m.k.b.	L-ebda.	L-ebda.

I. LISTA TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAL SETTURI		
U SUBSETTURI MHUX TAS-SERVIZZI	LIMITAZZJONIJIET FUQ L-AĊĊESS GĦAS-SUQ	LIMITAZZJONIJIET FUQ IT-TRATTAMENT NAZZJONALI
Manifattura ta' makkinarju tal-uffiċċju, tal-kontabbiltà u tal-informatika	L-ebda.	L-ebda.
Manifattura ta' makkinarju u apparat elettriku m.k.b.	L-ebda.	L-ebda.
Manifattura ta' tagħmir u apparat tar-radju, tat-televiżjoni u tal-komunikazzjoni	L-ebda.	L-ebda.
Manifattura ta' strumenti mediċi, ta' preċiżjoni u ottiċi, arloġġi tal-idejn u arloġġi tal-ħajt	L-ebda.	L-ebda.
Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers	L-Arġentina tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura mmirata lejn l-iżvilupp tal-industrija tal-karozzi, tal-muturi u tal-magni agrikoli tagħha, inklużi l-miżuri tat-taxxa, ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni, it-trasferiment tat-teknoloġija u l-mekkaniżmi tal-iżvilupp tal-forza tax-xogħol.	L-Arġentina tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura mmirata lejn l-iżvilupp tal-industrija tal-karozzi, tal-muturi u tal-magni agrikoli tagħha, inklużi l-miżuri tat-taxxa, ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni, it-trasferiment tat-teknoloġija u l-mekkaniżmi tal-iżvilupp tal-forza tax-xogħol.

I. LISTA TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAL SETTURI		
U SUBSETTURI MHUX TAS-SERVIZZI	LIMITAZZJONIJIET FUQ L-AĊĊESS GĦAS-SUQ	LIMITAZZJONIJIET FUQ IT-TRATTAMENT NAZZJONALI
Manifattura ta' tagħmir ieħor tat-trasport	L-ebda.	L-ebda.
Manifattura ta' għamara; manifattura m.k.b.	L-ebda.	L-ebda.
Riċiklaġġ	L-ebda.	L-ebda.
E. PRODUZZJONI TAL-ELETTRIKU, TAL-GASS, TAL-FWAR U TAL-ILMA SĦUN (esklużi servizzi relatati)		
Produzzjoni tal-elettriku Manifattura ta' gass ħlief gassijiet tal-petroleum u derivattivi	Kundizzjonijiet li għandhom jiġu rregolati minn kuntratti individwali ta' konċessjoni. Kundizzjonijiet li għandhom jiġu rregolati minn kuntratti individwali ta' konċessjoni.	Kundizzjonijiet li għandhom jiġu rregolati minn kuntratti individwali ta' konċessjoni. Kundizzjonijiet li għandhom jiġu rregolati minn kuntratti individwali ta' konċessjoni.

I. LISTA TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAL SETTURI		
U SUBSETTURI MHUX TAS-SERVIZZI	LIMITAZZJONIJIET FUQ L-AĊĊESS GĦAS-SUQ	LIMITAZZJONIJIET FUQ IT-TRATTAMENT NAZZJONALI
IL-BRAŻIL AGRIKOLTURA, FORESTRIJA U PRODOTTI TAS-SAJD Prodotti tal-agrikoltura, l-ortikultura u l-ortikultura kummerċjali Annimali ħajjin u prodotti tal-annimali (eskluż il-laħam) Prodotti tal-forestrija u tal-qtugħ tas-siġar għall-injam Ħut u prodotti oħra tas-sajd	L-ebda. Bastimenti li jtajru bnadar barranin jistgħu joperaw biss fis-sajd kummerċjali fil-Brażil (inkluż fiż-Żona Ekonomika Esklużiva tiegħu) jekk jinkrew minn persuni ġuridiċi stabbiliti fil-Brażil u jingħataw awtorizzazzjoni governattiva. Il-ħut, il-prodotti tas-sajd u l-prodotti sekondarji tas-sajd ta' bastimenti Brażiljani jew bastimenti barranin mikrija minn persuni ġuridiċi stabbiliti fil-Brażil għandhom orġini Brażiljana. Ir-restrizzjonijiet elenkati fil-lista Brażiljana ta' impenji speċifiċi għas-servizzi huma applikabbli wkoll.	L-ebda. L-ebda.

I. LISTA TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAL SETTURI		
U SUBSETTURI MHUX TAS-SERVIZZI	LIMITAZZJONIJIET FUQ L-AĊĊESS GĦAS-SUQ	LIMITAZZJONIJIET FUQ IT-TRATTAMENT NAZZJONALI
MINERALI; ELETTRIKU, GASS U ILMA (ħlief is-subsettur 13) PRODOTTI TAL-IKEL, XORB U TABAKK; PRODOTTI TAT-TESSUTI, TAL-ILBIES U TAL-ĠILDA OĠĠETTI TRASPORTABBLI OĦRA, ĦLIEF PRODOTTI TAL-METALL, MAKKINARJU U TAGĦMIR (ħlief is-subsettur 33) PRODOTTI TAL-METALL, MAKKINARJU U TAGĦMIR	L-ebda, ħlief li l-ipprospettar u l-isfruttament ta' depożiti taż-żejt, gass naturali, u idrokarburi fluwidi oħra; ir-raffinar taż-żejt Brażiljan jew barrani; l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti u prodotti sekondarji bażiċi; it-trasport bil-baħar ta' żejt mhux maħdum ta' oriġini Brażiljana jew ta' prodotti sekondarji bażiċi taż-żejt prodotti fil-Brażil; u t-trasport permezz tal-pipelines, id-distribuzzjoni bl-ingrossa u l-bejgħ bl-imnut taż-żejt mhux maħdum, il-prodotti sekondarji tiegħu u l-gass naturali huma monopolji tal-Istat li jistgħu jiġu mħaddma, taħt konċessjoni jew awtorizzazzjoni f'konformità mal-liġi Brażiljana, minn intrapriżi stabbiliti taħt il-liġi Brażiljana, bil-kwartieri ġenerali u l-amministrazzjoni tagħhom fil-Brażil. Mingħajr restrizzjonijiet għall-minerali.	L-ebda. Mingħajr restrizzjonijiet għall-minerali.

I. LISTA TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAL SETTURI		
U SUBSETTURI MHUX TAS-SERVIZZI	LIMITAZZJONIJIET FUQ L-AĊĊESS GĦAS-SUQ	LIMITAZZJONIJIET FUQ IT-TRATTAMENT NAZZJONALI
IL-PARAGWAJ I. IMPENJI ORIZZONTALI IS-SETTURI JEW IS-SUBSETTURI KOLLHA MHUX TAS-SERVIZZI INKLUŻI F'DIN IL-LISTA	Mingħajr restrizzjonijiet għal miżuri relatati ma' inċentivi f'regolamenti u/jew programmi għall-produtturi ta' kwalunkwe oġġett. Ir-rekwiżiti tal-akkwist tal-art jew ta' residenza applikabbli għal investituri barranin huma mingħajr restrizzjonijiet fiż-żoni tal-konfini 100 (mitt) kilometru mill-fruntieri tal-art. Il-Paragwaj jirriżerva d-dritt li jadotta miżuri konsistenti mad-dixxiplini kurrenti jew futuri tad-WTO dwar l-investment. Il-Paragwaj jirriżerva d-dritt li jżomm jew jadotta kwalunkwe miżura jew dispożizzjoni għall-fini ta' kontrolli statistiċi tar-reġistrazzjoni tal-investment barrani u t-trasferiment tiegħu, wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.	Il-Paragwaj jirriżerva d-dritt li jadotta miżuri konsistenti mad-dixxiplini kurrenti jew futuri tad-WTO dwar l-investment. Il-Paragwaj jirriżerva d-dritt li jżomm jew jadotta kwalunkwe miżura jew dispożizzjoni għall-fini ta' kontrolli statistiċi tar-reġistrazzjoni tal-investment barrani u t-trasferiment tiegħu, wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Il-Paragwaj jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura mmirata lejn l-iżvilupp ta' reġjuni inqas privileġġati jew lejn it-tnaqqis tal-inugwaljanzi reġjonali, kif ukoll dawk meħtieġa biex jiġu żgurati l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp rurali.

I. LISTA TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAL SETTURI		
U SUBSETTURI MHUX TAS-SERVIZZI	LIMITAZZJONIJIET FUQ L-AĊĊESS GĦAS-SUQ	LIMITAZZJONIJIET FUQ IT-TRATTAMENT NAZZJONALI
	Il-Paragwaj jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura mmirata lejn it-trawwim tal-iżvilupp teknoloġiku, ir-riċerka xjentifika u l-iżvilupp ta' standards u normi fil-Paragwaj, kemm jekk diskriminatorji kif ukoll jekk le. Il-Paragwaj jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tar-reġistrazzjoni ta' kapital barrani permezz ta' istituzzjoni pubblika.	Il-Paragwaj jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura relatata mar-regolamenti tat-taxxa li tista' tirriżulta fi trattament differenti fir-rigward tar-riċerka xjentifika, l-iżvilupp tat-teknoloġija u t-trasferiment tat-teknoloġija.
II. LISTA TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAS-SETTUR		
A. AGRIKOLTURA, KAĊĊA U FORESTRIJA Agrikoltura, kaċċa Forestrija, qtugħ tas-siġar għall-injam	L-ebda.	L-ebda.

I. LISTA TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAL SETTURI		
U SUBSETTURI MHUX TAS-SERVIZZI	LIMITAZZJONIJIET FUQ L-AĊĊESS GĦAS-SUQ	LIMITAZZJONIJIET FUQ IT-TRATTAMENT NAZZJONALI
D. MANIFATTURA		
Manifattura ta' prodotti tal-ikel u xorb Manifattura ta' prodotti tat-tabakk Manifattura ta' tessuti Manifattura ta' lbies; raffinar u tiżbigħ ta' fer Kunzatura u raffinar tal-ġilda; manifattura ta' bagalji, basktijiet tal-idejn, prodotti tas-sarġ, xdud u żraben Manifattura ta' injam u ta' prodotti tal-injam u tas-sufra, ħlief għamara manifattura ta' oġġetti tat-tiben u materjal tad-dfir Manifattura ta' karta u prodotti tal-karta	L-ebda.	L-ebda.

I. LISTA TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAL SETTURI		
U SUBSETTURI MHUX TAS-SERVIZZI	LIMITAZZJONIJIET FUQ L-AĊĊESS GĦAS-SUQ	LIMITAZZJONIJIET FUQ IT-TRATTAMENT NAZZJONALI
Manifattura ta' kokk, ta' prodotti tal-petroleum raffinati u ta' fjuwil nukleari	L-ebda, ħlief l-ipprospettar, l-esplorazzjoni u l-isfruttament tad-depożiti tal-idrokarburi ma jistgħu jsiru direttament mill-Paragwaj jew minn kwalunkwe entità li tista' tinħoloq taħt il-kontroll tiegħu għal dan l-għan, jew minn detenturi ta' liċenzja jew konċessjonarji permezz ta' permessi jew konċessjonijiet mogħtija mill-Paragwaj lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, domestiċi jew barranin, f'konformità mal-liġi tal-Paragwaj. Id-depożiti tal-idrokarburi fi stat solidu, likwidu u gassuż li jseħħu b'mod naturali fit-territorju tal-Paragwaj, ħlief sustanzi mrammla, tal-art u kalkarji, jaqgħu fid-dominju tal-Paragwaj.	L-ebda.

I. LISTA TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAL SETTURI		
U SUBSETTURI MHUX TAS-SERVIZZI	LIMITAZZJONIJIET FUQ L-AĊĊESS GĦAS-SUQ	LIMITAZZJONIJIET FUQ IT-TRATTAMENT NAZZJONALI
	Il-Paragwaj jista' jagħti konċessjonijiet lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, irrispettivament minn jekk humiex pubbliċi jew privati, jew lil intrapriżi nazzjonali, barranin jew bi sjieda konġunta, għall-ipprospettar, l-esplorazzjoni, ir-riċerka jew l-isfruttament tad-depożiti, għal żmien limitat. Il-liġi Paragwajana għandha tirregola s-sistema ekonomika li tindirizza l-interessi tal-istat, id-detenturi ta' liċenzja jew il-konċessjonarji u s-sidien li jistgħu jiġu affettwati.	

I. LISTA TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAL SETTURI		
U SUBSETTURI MHUX TAS-SERVIZZI	LIMITAZZJONIJIET FUQ L-AĊĊESS GĦAS-SUQ	LIMITAZZJONIJIET FUQ IT-TRATTAMENT NAZZJONALI
Manifattura ta' sustanzi kimiċi u prodotti kimiċi Manifattura ta' prodotti tal-lastiku u tal-plastik Manifattura ta' prodotti minerali mhux metalliċi oħra Manifattura ta' metalli bażiċi Manifattura ta' prodotti tal-metall iffabbrikat, ħlief makkinarju u tagħmir	L-ebda.	L-ebda.

I. LISTA TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAL SETTURI		
U SUBSETTURI MHUX TAS-SERVIZZI	LIMITAZZJONIJIET FUQ L-AĊĊESS GĦAS-SUQ	LIMITAZZJONIJIET FUQ IT-TRATTAMENT NAZZJONALI
Manifattura ta' makkinarju u tagħmir m.k.b. Manifattura ta' makkinarju tal-uffiċċju, tal-kontabbiltà u tal-informatika Manifattura ta' makkinarju u apparat elettriku m.k.b. Manifattura ta' tagħmir u apparat tar-radju, tat-televiżjoni u tal-komunikazzjoni Manifattura ta' strumenti mediċi, ta' preċiżjoni u ottiċi, arloġġi tal-idejn u arloġġi tal-ħajt	L-ebda.	L-ebda.

I. LISTA TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAL SETTURI		
U SUBSETTURI MHUX TAS-SERVIZZI	LIMITAZZJONIJIET FUQ L-AĊĊESS GĦAS-SUQ	LIMITAZZJONIJIET FUQ IT-TRATTAMENT NAZZJONALI
Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers Manifattura ta' tagħmir ieħor tat-trasport Manifattura ta' għamara; manifattura m.k.b. Riċiklaġġ	L-ebda.	L-ebda.
L-URUGWAJ I. IMPENJI ORIZZONTALI IS-SETTURI KOLLHA INKLUŻI F'DIN IL-LISTA		L-Urugwaj jirriżerva d-dritt li jżomm jew jadotta kwalunkwe miżura jew dispożizzjoni għall-fini ta' kontrolli statistiċi tar-reġistrazzjoni tal-investment barrani u t-trasferiment tiegħu wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

I. LISTA TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAL SETTURI		
U SUBSETTURI MHUX TAS-SERVIZZI	LIMITAZZJONIJIET FUQ L-AĊĊESS GĦAS-SUQ	LIMITAZZJONIJIET FUQ IT-TRATTAMENT NAZZJONALI
II. LISTA TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAS-SETTUR		
A. AGRIKOLTURA, KAĊĊA U FORESTRIJA		
Agrikoltura, kaċċa	L-ebda.	L-ebda.
Forestrija, qtugħ tas-siġar għall-injam*	L-ebda.	L-ebda.
B. SAJD		
Sajd, tħaddim ta' mfaqas tal-ħut u farms tal-ħut	Is-sajd kummerċjali u l-attivitajiet tal-kaċċa fil-baħar imwettqa fl-ilmijiet interni u fil-baħar territorjali f'żona ta' 12 (tnax)-il mil, imkejla mil-linji bażi, huma riżervati esklużivament għal bastimenti liċenzjati kif xieraq li jtajru l-bandiera tal-Urugwaj.	

I. LISTA TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAL SETTURI		
U SUBSETTURI MHUX TAS-SERVIZZI	LIMITAZZJONIJIET FUQ L-AĊĊESS GĦAS-SUQ	LIMITAZZJONIJIET FUQ IT-TRATTAMENT NAZZJONALI
	Il-bastimenti kummerċjali li jtajru bandiera barranija għandhom jitħallew jisfruttaw riżorsi ħajjin bejn iż-żona ta' 12 (tnax-il) mil imsemmija fil-paragrafu preċedenti u 200 (mtejn) mil marittimu, soġġett għall-awtorizzazzjoni tal-fergħa Eżekuttiva, mogħtija f'konformità mal-Liġi Nru 13833, u kif irreġistrata fir-reġistru miżmum mid-Dirección Nacional de Recursos Acuáticos. L-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-ħut huma awtorizzati mill-fergħa Eżekuttiva u jistgħu jkunu soġġetti għal rekwiżit li l-ħut ikun kompletament jew parzjalment ipproċessat fl-Urugwaj.	

I. LISTA TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAL SETTURI		
U SUBSETTURI MHUX TAS-SERVIZZI	LIMITAZZJONIJIET FUQ L-AĊĊESS GĦAS-SUQ	LIMITAZZJONIJIET FUQ IT-TRATTAMENT NAZZJONALI
C. ESTRAZZJONI MILL-MINJIERI U MILL-BARRIERI	Il-liċenzji jew it-titoli tal-estrazzjoni jingħataw mill-Awtorità tal-Estrazzjoni skont il-Gvern Nazzjonali. Ir-rekwiżiti għall-isfruttament individwali huma rregolati wkoll mill-Awtorità tal-Estrazzjoni. L-ipprospettar u l-esplorazzjoni ta' depożiti minerali u l-estrazzjoni għandhom isiru biss: (a) mill-istat jew mill-entitajiet tal-istat; jew (b) taħt titolu tal-estrazzjoni. It-tgawdija tad-drittijiet tal-estrazzjoni attribwiti mit-titolu rispettiv hija rregolata minn regolamenti speċifiċi u mid-dispożizzjonijiet tal-kuntratt speċifiku għal dik il-liċenzja jew titolu tal-estrazzjoni minerarja. Id-detentur ta' konċessjoni biex jipprospetta u jesplora li huwa f'pożizzjoni biex jesporta l-minerali tal-metall għandu jipprovdi lis-suq domestiku 15 % tal-valur ta' kull operazzjoni ta' esportazzjoni bi prezz "frank abbord".	

I. LISTA TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAL SETTURI		
U SUBSETTURI MHUX TAS-SERVIZZI	LIMITAZZJONIJIET FUQ L-AĊĊESS GĦAS-SUQ	LIMITAZZJONIJIET FUQ IT-TRATTAMENT NAZZJONALI
Estrazzjoni tal-faħam u l-linjite; estrazzjoni tal-pit. Estrazzjoni tal-minerali tal-uranju u tat-torju Estrazzjoni tal-minerali tal-metall Estrazzjoni oħra mill-minjieri u mill-barrieri	L-ebda, ħlief kif indikat hawn fuq.	L-ebda, ħlief kif indikat hawn fuq.
D. MANIFATTURA		
Manifattura ta' prodotti tal-ikel u xorb Manifattura ta' prodotti tat-tabakk	L-ebda.	L-ebda.
Manifattura ta' tessuti	L-ebda.	
Manifattura ta' lbies; raffinar u tiżbigħ ta' fer	L-ebda.	L-ebda.

I. LISTA TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAL SETTURI		
U SUBSETTURI MHUX TAS-SERVIZZI	LIMITAZZJONIJIET FUQ L-AĊĊESS GĦAS-SUQ	LIMITAZZJONIJIET FUQ IT-TRATTAMENT NAZZJONALI
Kunzatura u raffinar tal-ġilda; manifattura ta' bagalji, basktijiet tal-idejn, xdud u żraben Manifattura ta' injam u ta' prodotti tal-injam u tas-sufra, ħlief għamara; manifattura ta' oġġetti tat-tiben u materjal tad-dfir Manifattura ta' karta u¹ prodotti tal-karta	L-ebda.	L-ebda.
Pubblikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta' midja rreġistrata	L-ebda.	L-ebda, ħlief li d-direttur jew il-maniġer responsabbli ta' gazzetta, rivista, jew gazzetta jew rivista perjodika għandu jkun ċittadin Urugwajan.

¹ L-attivitajiet ta' servizzi relatati huma inklużi fil-lista ta' impenji speċifiċi għas-servizzi, inklużi d-distribuzzjoni u t-trasport.

I. LISTA TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAL SETTURI		
U SUBSETTURI MHUX TAS-SERVIZZI	LIMITAZZJONIJIET FUQ L-AĊĊESS GĦAS-SUQ	LIMITAZZJONIJIET FUQ IT-TRATTAMENT NAZZJONALI
Manifattura ta' sustanzi kimiċi u prodotti kimiċi Manifattura ta' prodotti tal-lastiku u tal-plastik. Manifattura ta' prodotti minerali mhux metalliċi oħra. Manifattura ta' metalli bażiċi Manifattura ta' prodotti tal-metall iffabbrikat, ħlief makkinarju u tagħmir	L-ebda.	L-ebda.
Manifattura ta' makkinarju u tagħmir m.k.b.: Manifattura ta' makkinarju għal skop ġenerali Manifattura ta' apparat domestiku m.k.b.	L-ebda.	L-ebda.

I. LISTA TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAL SETTURI		
U SUBSETTURI MHUX TAS-SERVIZZI	LIMITAZZJONIJIET FUQ L-AĊĊESS GĦAS-SUQ	LIMITAZZJONIJIET FUQ IT-TRATTAMENT NAZZJONALI
Manifattura ta' makkinarju tal-uffiċċju, tal-kontabbiltà u tal-informatika Manifattura ta' makkinarju u apparat elettriku m.k.b. Manifattura ta' tagħmir u apparat tar-radju, tat-televiżjoni u tal-komunikazzjoni Manifattura ta' strumenti mediċi, ta' preċiżjoni u ottiċi, arloġġi tal-idejn u arloġġi tal-ħajt	L-ebda.	L-ebda.
Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers	L-ebda.	L-ebda.
Manifattura ta' tagħmir ieħor tat-trasport Manifattura ta' għamara; manifattura m.k.b. Riċiklaġġ	L-ebda.	L-ebda.

I. LISTA TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAL SETTURI		
U SUBSETTURI MHUX TAS-SERVIZZI	LIMITAZZJONIJIET FUQ L-AĊĊESS GĦAS-SUQ	LIMITAZZJONIJIET FUQ IT-TRATTAMENT NAZZJONALI
E. PRODUZZJONI TAL-ELETTRIKU, TAL-GASS, TAL-FWAR U TAL-ILMA SĦUN (esklużi servizzi relatati)		
Produzzjoni tal-elettriku	Kundizzjonijiet li għandhom jiġu rregolati minn kuntratti individwali ta' konċessjoni.	Kundizzjonijiet li għandhom jiġu rregolati minn kuntratti individwali ta' konċessjoni.
Manifattura ta' gass ħlief gassijiet tal-petroleum u derivattivi	Kundizzjonijiet li għandhom jiġu rregolati minn kuntratti individwali ta' konċessjoni.	L-ebda.
Produzzjoni tal-fwar u tal-ilma sħun	L-ebda.	L-ebda.

Modi ta' forniment: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra l-pajjiż 3) Preżenza kummerċjali 4) Preżenza ta' persuni fiżiċi

II. IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAS-SERVIZZI			
Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq	Limitazzjonijiet fuq it-trattament nazzjonali	Impenji addizzjonali
SERVIZZI KUMMERĊJALI			
L-ARĠENTINA 1.A. Servizzi professjonali	Il-persuni fiżiċi li jfittxu li jfornu servizzi professjonali jridu jiksbu rikonoxximent tal-lawrja professjonali tagħhom permezz ta' liċenzja mill-assoċjazzjoni professjonali rilevanti; u jistabbilixxu domiċilju legali jew speċjali fl-Arġentina. Domiċilju legali u speċjali: ma jinvolvi rekwiżit ta' residenza.		

Modi ta' forniment: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra l-pajjiż 3) Preżenza kummerċjali 4) Preżenza ta' persuni fiżiċi

II. IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAS-SERVIZZI			
Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq	Limitazzjonijiet fuq it-trattament nazzjonali	Impenji addizzjonali
(a) Servizzi legali (CPC 861)	L-ebda. L-ebda. L-ebda. Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief kif indikat fit-taqsimha dwar l-impenji orizzontali.	L-ebda. L-ebda. L-ebda. Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief kif indikat fit-taqsimha dwar l-impenji orizzontali.	
(b) Servizzi ta' kontabbiltà, awditjar u żamma tal-kotba (CPC 862)	L-ebda. L-ebda. L-ebda. Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief kif indikat fit-taqsimha dwar l-impenji orizzontali.	L-ebda. L-ebda. L-ebda. Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief kif indikat fit-taqsimha dwar l-impenji orizzontali.	
d) Servizzi arkitettoniċi (CPC 8671)	L-ebda. L-ebda. L-ebda. Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief kif indikat fit-taqsimha dwar l-impenji orizzontali.	L-ebda. L-ebda. L-ebda. Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief kif indikat fit-taqsimha dwar l-impenji orizzontali.	

Modi ta' forniment: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra l-pajjiż 3) Preżenza kummerċjali 4) Preżenza ta' persuni fiżiċi

II. IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAS-SERVIZZI			
Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq	Limitazzjonijiet fuq it-trattament nazzjonali	Impenji addizzjonali
(e) Servizzi ta' inġinerija (CPC 8672)	L-ebda. L-ebda. L-ebda. Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief kif indikat fit-taqsimha dwar l-impenji orizzontali.	L-ebda. L-ebda. L-ebda. Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief kif indikat fit-taqsimha dwar l-impenji orizzontali.	
(f) Servizzi ta' Inġinerija Integrati (CPC 8673)	L-ebda. L-ebda. L-ebda. Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief kif indikat fit-taqsimha dwar l-impenji orizzontali.	L-ebda. L-ebda. L-ebda. Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief kif indikat fit-taqsimha dwar l-impenji orizzontali.	
